MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 560/2000/1

**Anthony Galea**

**vs**

**Giovanni Farrugia**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikorsipprezentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu ir-rikorrent, wara illi ppremetta illi b'sentenza moghtija minn dina l-Qorti fis-16 ta' Settembru, 1994 oltre dik tal-Prim Awla tal-11 ta' Mejju, 1992 bejn il-

kontendenti l-intimat gie ordnat mill-Qorti biex inehhi kull kostruzzjoni li ghamel fuq dik il-parti tal-*plot* ta' l-attur li hu nvada u approprja u biex jerga' jaghmel kollox kif kien qabel u fin-nuqqas awtorizzat lill-attur jaghmel ix-xogholijiet kollha mehtiega wara li jghaddi dak it-terminu a spejjez ta' l-istess konvenut; ordnat ukoll li x-xoghol ghandu f'kull kaz isir taht id-direzzjoni ta' l-AIC David Pace li gie nominat ghal dak l-iskop; illi ghaddew aktar minn hames snin mid-data meta r-rikorrent seta' jesegwixxi l-imsemmija sentenza; talab illi jigi awtorizzat jesegwixxi fl-intier taghha l-imsemmija sentenza sabiex b'hekk jissodisfa d-dritt tieghu fuq indikat;

Rat ir-risposta ta' l-intimat illi permezz taghha ssottometta:

Illi ma hemmx x'tesegwixxi peress li s-sentenza indikata giet esegwita;

Rat is-sentenza ta' l-erbatax (14) ta' Lulju, 2000 illi permezz taghha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:

"… filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimat, **tilqa' t-talba tar-rikorrenti** limitatament ghal dik il-parti mill-istess sentenza li ma gietx esegwita, u cioè ghall-hlas ta' l-ispejjez inkorsi mir-rikorrent sabiex jesegwixxi x-xogholijiet ordnati mill-istess Qorti, u li huwa gie awtorizzat jaghmel a spejjez tal-istess intimat, liema xogholijiet saru mill-istess rikorrenti taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett David Pace A&CE, wara li l-konvenut naqas li jaghmel tali xogholijiet fit-terminu lilhu moghti mill-istess Qorti tal-Appell fis-sentenza citata tal-istess Qorti tas-16 ta' Settembru 1994, li kkonfermat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Mejju 1992 fl-ismijiet premessi (Citaz. Nru. 948/81), u l-ispejjez giudizzjarji tal-istess kawza skond id-debita taxxa legali mahruga skond dispositiv tal-istess sentenza.

"Bl-ispejjez kollha kontra l-istess intimat";

u dana wara illi kkonsidrat hekk:

"**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

"Illi l-procedura odjerna hija dik a bazi tal-**Artikolu 258 tal-Kap. 12**, fejn l-unika ezami li din il-Qorti ghandha taghmel huwa biss dak indikat fl-istess artikolu, u cioè li hemm titolu esekuttiv, u li r-rikorrenti jikkonferma bil-gurament tieghu ix-xorta tad-dejn jew talba li qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li '*id-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut*'. Illi huwa logiku li jigi indikat jekk tali dejn ghadux jezisti, jew l-esekuzzjoni sehhitx u dan stante li mis-sentenza jkunu ghaddew hames (5) snin.

"Illi mill-process jirrizulta li l-intimat qed isostni li l-esekuzzjoni tas-sentenza twet[t]qet stante li x-xogholijiet indikati fl-istess sentenza citata bejn il-partijiet premessi fil-fatt gew esegwiti mill-attur innifsu, *ai termini* tal-istess sentenza.

"Illi mill-provi rrizulta, li dan huwa minnhu, kif fil-fatt il-partijiet odjerni qablu u kif gie kkonfermat mill-istess Perit Arkitett il-Perit David Pace, li gie nkarigat bl-istess sentenzi, sabiex jissorvelja x-xoghol ordnat bl-istess sentenza, tant li l-istess perit xehed li tali xoghol sar mill-attur, u l-ispejjez kollha thallsu mill-istess attur, ir-rikorrenti odjern.

"Illi però dan ma jfissirx dak li qed isostni l-intimat li b'hekk ghalhekk l-istess sentenza giet esegwita u ghalhekk ma hemmx izjed x'tesegwixxi, u dan peress li jidher car li x-xogholojiet esegwiti mir-rikorrenti, saru minnhu peress li l-konvenut ma esegwiex ix-xogholijiet li huwa gie ikkundannat li jaghmel fit-terminu perentorju stabilit lilhu mill-Qorti, u il-Qorti f'tali nuqqas tal-konvenut, awtorizzat lill-attur, jaghmel huwa l-istess xogholijiet a spejjez tal-istess konvenut, l-intimat odjern.

"Illi fil-fatt sabiex tigi esegwita l-istess sentenza jonqos biss li l-attur, ir-rikorrenti odjern jithallas tal-valur tax-xogholijiet indikati li huwa ghamel skond l-istess sentenza **a spejjez tal-konvenut, l-intimat odjern**, liema xogholijiet saru u gew certifikati mill-istess Perit Tekniku imqabbad mill-Qorti fl-istess sentenza, minbarra li l-istess rikorrenti ghandu jithallas tal-ispejjez kollha tal-istess kawza.

"Illi jigi innutat li fir-rikors promotorju ir-rikorrenti talab sabiex jigi awtorizzat jesegwixxi fl-intier taghha l-istess sentenza hemm citata tal-Qorti tal-Appell, però dan ma jistax jigi awtorizzat *in toto*, stante li kif inghad ix-xogholijiet *per se* già gew esegwiti, u jonqos biss li jithallsu l-ispejjez tal-istess xogholijiet mill-intimat, u l-ispejjez kollha tal-kawza, li l-intimat fil-fatt ammetta li ma hallasx.

"Illi però ghalkemm l-istess rikors ma jistax jintlaqa' *in toto*, dan ma jfissirx li t-talba tieghu ghandha tigi michuda bhala nulla, kif donnu qed jippretendi l-intimat, ghaliex ma huwiex l-iskop tal-**Artikolu 258 tal-Kap. 12**. Ifisser però li tali awtorizzazzjoni ghall-esekuzzjoni tas-sentenza peress li ghaddew hames snin mill-pronunzjament tal-istess ghandha tinghata biss ghal dik il-parti mill-istess sentenza li sallum ghadha ma gietx esegwita, u fil-fatt din il-Qorti hekk ser taghmel, in konformità mal-principju tal-esekuzzjoni tas-sentenzi ta'dawn il-Qrati."

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-intimat illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi s-sentenza appellata tigi mhassra, revokata u annullata u dana billi jigu t-talbiet tar-rikorrent u tigi akkolta ir-risposta ta' l-intimat appellant;

Rat ir-risposta tar-rikorrent illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi l-appell jigi michud u illi tigi konfermata s-sentenza appellata "bl-ispejjez f'zewg istanzi" (*sic*);

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta' l-intimat appellant kontra s-sentenza appellata jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. Illi t-talba tar-rikorrent appellat ma kellhiex tintlaqa' ghaliex, meta gie intavolat ir-rikors promotorju tal-

proceduri odjerni, is-sentenza illi taghha qed tintalab l-esekuzzjoni kienet già giet esegwita ghal kollox;

2. Illi l-ewwel Qorti ma setghatx tawtorizza lir-rikorrent appellant sabiex jesegwixxi dik il-parti tas-sentenza in kwistjoni illi ordnat illi, f'kaz illi x-xogholijiet ordnati fl-ahhar imsemmija sentenza ma jsirux mill-konvenut - l-intimat odjern - fiz-zmien stabbilit fl-istess sentenza, l-attur - ir-rikorrent odjern - ikun jista' jesegwixxi l-istess xogholijiet a spejjes tal-konvenut, u dana peress illi dawn l-ispejjes ghadhom ma gewx likwidati;

3. Illi s-sentenza appellata hija nulla ghaliex ma gewx osservati l-provvedimenti ta' l-artikolu 258 tal-Kap. 12;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju ta' l-intimat appellant huwa ripetizzjoni ta' dak illi huwa ssottometta fir-risposta tieghu ghar-rikors promotorju tal-proceduri odjerni;

Illi dan l-aggravju ma jimmeritax akkoljiment ghaliex, dina l-Qorti, wara illi ezaminat l-atti kollha tal-kawza, taqbel ma' dak illi jinghad fis-sentenza appellata, jigifieri illi s-sentenza illi qed tintalab l-awtorizzazzjoni ghall-esekuzzjoni taghha ghadha ma giet esegwita fl-intier taghha peress illi, kif jinghad fis-sentenza appellata:

"… jonqos … li jithallsu … l-ispejjez kollha tal-kawza, li l-intimat fil-fatt ammetta li ma hallasx" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Tajjeb illi jinghad ukoll illi dawn il-konstatazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti huma riflessi fil-parti dispositiva tas-sentenza appellata, u cioè:
"… tilqa' it-talba tar-rikorrenti limitatament ghal dik il-parti mill-istess sentenza li ma gietx esegwita, u cioè ghall-hlas tal-ispejjez … giudizzjarji tal-istess kawza …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ikkunsidrat:

Illi dak illi dina l-Qorti tifhem illi qed isostni l-appellant permezz tat-tieni (2) aggravju tieghu huwa illi l-appellat ghadu ma jistax jitlob il-hlas ta' l-ispejjes illi huwa inkorra sabiex ghamel ix-xogholijiet in kwistjoni peress illi dawn l-ispejjes ghadhom ma gewx likwidati. Dan huwa minnu, u, ghalhekk, sabiex l-appellat ikun jista' jirreklama dawn l-ispejjes minghand l-appellant, jehtieglu jistitwixxi l-proceduri gjudizzjarji opportuni sabiex jigu likwidati dawn l-ispejjes;

Illi, ghalhekk, it-tieni (2) aggravju ta' l-appellant huwa gustifikat u, konsegwentement sejra ssir l-infraskritta riforma tas-sentenza appellata;

Ikkunsidrat:

Illi, sabiex jissostanzja t-tielet (3) aggravju tieghu, l-appellant fl-ahhar pagina tar-rikors ta' appell issottometta hekk:
"… l-procedura preskritta hawn fuq [jigifieri fl-artikolu 258, Kap. 12] ma gietx rispettata u dana stante illi la l-appellat ma kkonferma bil-gurament 'ix-xorta tad-dejn' - kull ma kkonferma huwa r-rikors promotur li jitkellem biss fuq is-sentenza li taghha qed tintalab l-esekuzzjoni, u wisq anqas ma kkonferma bil-gurament li 'd-dejn jew parti minnu ghadu dovut' …"

Dina l-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant ghamel din is-sottomissjoni ghaliex, mid-depozizzjoni guramentata illi ghamel ir-rikorrent appellat quddiem l-ewwel Qorti fl-udjenza tas-sitta (6) ta' Lulju, 2000 jirrizulta x'inhu x-xorta tad-"dejn" illi l-istess rikorrent qed jitlob l-esekuzzjoni tieghu u l-parti ta' dan id-dejn illi ghadha dovuta. Il-parti ta' dan id-"dejn" illi ghadha dovuta hija dik illi tissemma fis-silta mid-dispositiv tas-sentenza appellata illi giet citata minn dina l-Qorti waqt illi kienet qed tikkonsidra l-ewwel (1) aggravju ta' l-appellant;

Ghalhekk, it-tielet (3) aggravju ta' l-appellant mhux fondat;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi, filwaqt illi tikkonfermaha kwantu cahdet ir-risposta ta’ l-intimat appellant, laqghet it-talba tar-rikorrent appellat u awtorizzat l-esekuzzjoni ta’ dik il-parti tas-sentenza ta’ dina l-Qorti tas-16 ta’ Settembru, 1994 fil-kawza fl-ismijiet *Anthony Galea vs. Giovanni Farrugia* illi kkundannat lill-intimat appellant odjern ihallas l-ispejjes kollha ta’ l-istess kawza, u kkundannat lill-intimat appellant ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza odjerna, tirrevokaha ghall-kumplament;

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati kwantu ghal nofs (1/2) mill-intimat appellant u kwantu ghal nofs (1/2) mir-rikorrent appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------